**210. Il-Ministru ghall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona:-**

Il-Kamra tad-Deputati

Wara li fis-17 ta' Dicembru 1994, Malta ffirmat f'Lisbona, il-Portugall, it-Trattat fuq il-Karta dwar l-Energija u l-Protokoll tal-Karta dwar l-Energija fuq l-Efficjenza ta' l-Energija u Aspetti Ambjentali marbutin maghha;

Wara li rat li jekk Malta tirratifika dan it-Trattat, tkun qed tissieheb ma' iktar minn erbghin pajji¿ iehor, inklu¿a l-Komunita' Ewropa u l-membri taghha, li s'issa rratifikaw dan it-Trattat li hu meqjus fundamentali biex tintlaqa' d-domanda ghall-energija li kulma jmur qieghda ti¿died;

Wara li rat l-artikolu 3(1)(c) u 3(2)(b) ta' l-Att dwar ir-Ratifika tat-Trattati, (Kap 304) u l-artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Poteri li jsiru regolamenti fl-Interess Nazzjonali, (Kap 365);

Tirri¿olvi li tawtorizza r-ratifika tat-Trattat fuq il-Karta dwar l-Energija, il-Protokoll tal-Karta dwar l-Energija fuq l-Efficjenza ta' l-Energija u Aspetti Ambjentali marbutin maghha kif ukoll l-Emenda ghall-provvedimenti fit-Trattat fuq il-Karta dwar l-Eenrgija li huma marbutin mal-Kummerc.

29.03.01